**MALTA**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' April, 2017**

**Talba numru 711/2014 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 31**

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Petra Altenberger u l-istess Petra Altenberger (ID 45031A)**

**Abate Rigord Street**

**Ta' Xbiex**

**Vs**

**White Frost Limited**

**196 Main Street,**

**Hal Qormi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba tas-Socjeta' attrici li permezz taghha talbet il-hlas minghand is-Socjeta' konvenuta fl-ammont ta' erba' mija sitta u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€436.63c) bhala danni sofferti minn Petra Altenberger assigurata mal-istess Socjeta' attrici meta waqt li l-istess Petra Altenberger ipparkjat il-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni IBO 604 proprjeta' taghha fi Triq Notabile, Birkirkara fil-25 ta' Marzu, 2013 waqa xi materjal ghal fuq l-istess vettura liema materjal kien jifforma parti minn impjant tal-arja kkondizzjonata installata mis-Socjeta' konvenuta; li tali somma tikkonsisti kwantu ghal tlett mija u hdax-il ewro u tlieta u sittin centezmu (€311.63c) li ghalihom ghamlet tajjeb is-Socjeta' attrici u kwantu ghal mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) excess payment.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta (fol 10) li permezz taghha eccepiet li hija mhix il-legittimu kontradittur, li hija mhux responsabbli u lanqas tista tinstab hekk tal-allegat danni kagunati; li ma kkagunat l-ebda danni u li fi kwalunkwe kaz liema kap lampanti ta' casus genti et dominur (nota ta' Tribunal - casum sentit debitor); li huwa illuminanti r-rapport sar l-ghada u mhux rinfaccjat istantaneament.

A fol 14 is-Socjeta' attrici irtirat l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidra

Illi mix-xhieda mressqa jirrizulta s-segwenti:

A fol 20 xehed PS 3 Kevin Grima li huwa irceva rapport minghand certa Petra Altenberger fl-Ghassa fis-26 ta' Marzu, 2013 fejn infurmatu li fil-25 ta' Marzu, 2013 hija kellha l-karozza pparkjata qrib Simons Farsons il-fabbrika fl-Imriehel liema karozza ghandha numru ta' registrazzjoni IVO 604 tal-ghamla BMW u kienet garbet xi hsarat. Hija kienet ipparkjat il-karozza f'xi tmienja u nofs ta' filghodu u meta f'xi nofsinhar marret iggib xi haga mill-karozza l-karozza ma kellha xejn izda meta regghet marret fil-hamsa ta' filghaxija hija sabet xi materjal hdejn l-karozza partikolarment, gablo, xi partijiet tal-metal, kaxxa tal-plastic u xi filters u li bhala konsegwenza ta' dan il-materjal kien waqa' ghal fuq il-bonnet tal-karozza taghha u garbet xi hsarat fl-istess vettura. Meta ghamlet il-verifika mal-Human Resources tal-kumpanija fejn tahdem qalulha li dak il-materjal kien tas-Socjeta' konvenuta. Hija kienet ikkommunikat mas-segretarja tal-kumpanija certa Amanda Schembri li qaltilha li kienet ser ticcekja. Il-kaz gie riferut lil PS 772 mill-Ghassa ta' Hal Qormi stante li l-post fejn gara l-incident jaghmel mal-Ghassa ta' Hal Qormi u mhux ta' Birkirkara fejn kienet marret taghmel ir-rapport Petra Altenberger. Huwa pprezenta l-okkorrenza mistoqsi jekk kienx ra l-vettura huwa ma

setghax jghid u kkonferma fol 5 bhala r-rapport li kien hejja hu u l-hsarat imsemmija fir-rapport ma setghax jghid b'certezza jekk kienx rahhom hu personalment.

A fol 22 xehed Peter Bonnici, freelance motor surveyor li kien gie inkarigat mis-Socjeta' attrici biex jaghmel xi verifiki dwar hsara fil-vettura in kwistjoni u rrizultali li din kellha xi grif fil-mera, grif fil-panel, il-front wing tan-naha tax-xellug u fil-bieba ta' wara tal-istess naha u cioe` tax-xellug. Izda l-grif kien hafif. Rigward il-bieba jiftakar li kien rahha pero` ma nizziliex fir-rapport tieghu u dan jista jkun li l-grif kien mar bil-polish u ghalhekk ma kienx hemm il-hiega li jsemmiha fis-survey. Huwa kkonferma li x-xogholijiet li kienu mehtiega kienu ta' natura superficjali u dan fis-sens li l-grif li kien hemm kellu jinfetah, jigi stokkjat u mbaghad terga tinghata z-zebgha. L-istima li ta huwa ghal dawn it-tiswijiet tammonta ghal mitejn u hamsa u sebghin ewro (€275) eskluz il-VAT.

In kontro-ezami xehed li l-vettura mar jaraha fit-03 ta' April, 2013 biss. Dwar il- bonet mir-ritratti li kien ha jirrizultalu li kien hemm girfa izda huwa ma ordnax u lanqas rrakkomanda li jsir iz-zebgha tal-bonet kollu izda biss li jkun hemm blending ta' din iz-zebgha.

A fol 32 xehed Petra Soler sive Altenberger bil-lingwa Ingliza. Hija kkonfermat li dak inhar tal-incident kienet bil-vettura IBO 604 u li pparkjat il-karozza hdejn ix-xoghol fil-birrerija ta' Farsons. Meta pparkjat il-karozza ma kien hemm xejn materjal izda meta wara x-xoghol hija marret lura ghal karozza rat hafna kaxxi hdejn il-karozza taghha u anke 'metal plates'. Hija pprezentat zewg ritratti ta' dan il-materjal. Hija regghet dahlet ix-xoghol tistaqsi u qalulha li dawk hallewhom impjegati tas-Socjeta' konvenuta kif fil-fatt irrizulta. Kaxxa minnhom kienet qed tmiss mal-karozza taghha u l-'metal plates' kienu mferxa madwar il-karozza u anke tahtha. Dak inhar kien hemm hafna rih u d-danni li kelli kienu fi grif fil-bonet u fil-mera tal-genb tax-xellug u fil-mudguard tax-xellug. Hija ghamlet rapport mal-assikurazzjoni u hallset mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125). Persuna mill-Human Resources Department fejn tahdem kienet cemplet lil tal-White Frost Limited is-Socjeta' konvenuta li weghduha li kienu ser jibghatu lil xi hadd biex jara d-danni subiti u jumejn wara huma baghtu lil xi hadd. Tax-xoghol fejn tahdem infurmawha li fil-kuntratt is-Socjeta' konvenuta kienet marbuta li tnehhi l-kaxxi meta x-xoghol tal-istallazzjoni jitlesta. Dak inhar kien hemm karozza ohra li soffriet danni.

A fol 58 in kontro-ezami hija xehdet li fejn kienet ipparkjata hemm hanut tal-mastrudaxxa, haunt tal-mechanic u anke trakk kbir. Hija kkonfermat li dak inhar kien hafna rih izda mistoqsija tafx li fejn hija pparkjat il-vettura jkun hemm bins kbar tal-metal fejn l-impjegati jarmu z-zibel, kaxxi, bicciet tal-injam, hija wiegbet li ma tafx. Hija kkonfermat li meta regghet marret lura ghal karozza fl-erbgha ta' wara nofsinhar rat diversi bicciet tal-metal madwar il-karozza u anke taht l-istess karozza.

A fol 39 et xehed Martin Polidano Brewing Manager ma' Simons Farsons Cisk li fi zmien Marzu, 2013 kien diga jokkupa din il-kariga. Kien huwa li ghamel il-kuntratt mas-Socjeta' konvenuta ghax-xiri ta' air conditioning units. Huwa jaf li whud mill-kaxxi u affarijiet konnessi mal-air conditioning units l-antiki kienu tpoggew go yard li hija komuni ghal diversi dipartimenti li jahdmu f'din il-fabbrika u li fiha jkun hemm xi ingenji bhala ma huma forklifts u anke trakkijiet u xi skips biex wiehed jista jarmi l-affarijiet bulky fihom. Dwar l-incidenti in kwistjoni huwa sar jaf bih.

In kontro-ezami huwa xehed li l-intendiment kien li s-Socjeta' konvenuta kellha tnehhi l-affarijiet.

A fol 55 xehed Matthew J. Schembri, Managing Director tas-Socjeta' konvenuta li fil-25 ta' Marzu, 2013 kienet qeghda tinstalla zewg air conditioning units fil-birrerija ta' Simonds Farsons Cisk u meta lestew poggew il-kaxxi tal-kartun hdejn skip li kien hemm hdejn il-workshop fil-bitha ghax ma kienux jidhlu fl-iskip. Il-karozzi kienu pparkjati xi hamsin metro mill-iskip u li xi jiem wara kien hu li mar jiccekja l-grif li kellha l-vettura ta' Petra Altenberger. Huwa jikkontendi li kieku l-vettura taghha intlaqtet minn kaxxa kien ikollha ghafsa u mhux grif.

Ra li l-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2017 ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u trattaw il-kawza.

Ikkunsidra ulterjorment,

Li dan it-Tribunal japprezza li xhieda tal-Maltin jinghataw bil-lingwa Maltija kif trid il-procedura taghna.

Dwar dak li gara fl-incident ma hemmx kontestazzjoni; il-kontestazzjoni hija dwar min hu hati ta' dan l-incident bis-Socjeta' konvenuta tikkontendu li dan hu casus purament incident mentri s-Socjeta' konvenuta tikkontendi li dan gara bi traskuragni tas-Socjeta' konvenuta.

Lanqas hemm kontestazzjoni li s-Socjeta' konvenuta halliet il-kaxxi tal-kartun kif lestiet mix-xoghlijiet u li skont Matthew J. Schembri rapprezentant tal-istess Socjeta' dawn tpoggew hdejn skip. Izda Schembri ma jghid xejn dwar jekk dawn il-kaxxi kienux vojta jew le. Izda mir-ritratti esebiti minn Petra Soler jirrizulta car li l-fdalijiet madwar il-karozza taghha huma fdalijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' air conditioners u ghalhekk ma hemmx dubju li dawn huma fdalijiet li thallew mis-Socjeta' konvenuta.

Lanqas hemm kontestazzjoni li dak inhar tal-incident kien hafna rih u dan jammettuh il-partijiet kollha f'din il-kawza.

Issa biex ikun hemm kaz fortuitu, insibu li:

**(a)** L-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili insibu**:**

"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."

**(b)** Kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, il-kaz fortuwitu hu dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' diligenza ordinarja (**Vol XXX.1.869)** u biex ikun hemm dan il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu izda jinhtieg li dan ikun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja (**Vol XXXV.11.637)** u di piu l-prova tal-fortuwita jew tal-kawza estranea tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonatrici (**Vol XXX1.1.467**).

Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Muscat et vs Carmelo Agius Qorti tal-Appell 14.1.1939**: "… biex iwaqqa l-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi: l-accident jew il-fortuwitu bhala l-kawza tal-hsara; u in-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsarat.

Illi ghaldaqstant jirrizulta car li meta r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici kienet taf li dak inhar tal-incident kien hafna rih (very windy skont hi fil-kontro-ezami lil Petra Soler), u meta marret biex tarmi l-kaxxi li kien fadal kienet taf li jekk thallihom hdejn l-iskip dawn zgur ser itiru u meta fil-kaxxi jirrizulta wkoll li kien hemm fdalijiet li jistghu jaghmlu hsara lil vetturi kif fil-fatt ghamlu (u anke lil min ikun ghaddej jekk nigu f'dan) dan it-Tribunal ma jistax iqis dan l-incident bhala casus aktar u aktar meta b'dan l-agir taghha s-Socjeta' attrici setghet tippreveni li ser jigri hekk u ma wzatx id-diligenza rikjesta mil-ligi.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' konvenuta u jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u jordna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija sitta u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€436.63c) bl-imghax legali b'effett mit-02 ta' Settembru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-02 ta' Settembru, 2014 kontra s-Socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**